Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 3 ta' Dicembru 2024**

**Seduta Birkirkara**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Versus**

**Steve Mallia**
**(127687M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Steve Mallia**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 127687M.

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Frar 2023 u fil-granet ta' qabel gewwa r-residenza 31, Blossom, Triq l-Istazzjon, Birkirkara;

1. Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil Maria Sinagra thallas dejn jew tesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lilha fil-pussess ta' hwejjigha b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor.

Rat id-dokumenti kollha prezentati in atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.
**Ikkunsidrat**

Illi fis-6 ta' Frar 2024, xehdet Maria Sinagra fejn qalet illi hi toqghod fi Flat numru 1 gewwa B'Kara, filwaqt illi Mallia joqghod fil-Flat numru 2. Hi kienet ghamlet *camera* fuq il-bejt taghha ghax kienet ilha ssib il-hmieg tal-klieb minn Jannar 2022. Fil-15 ta' Jannar 2023 marret tirraporta l-ghassa ghax fl-20 ta' Dicembru 2022, kienu ghamlu ghaliha l-klieb ta' Mallia meta telghet fuq il-bejt taghha biex tonxor. Fil-15 ta' Jannar 2023 kellha l-footage tal-klieb ta' Mallia jigru fuq il-bejt taghha (Dok MS1) u 7 ritrattti Dok MS2 bid-dati miktubin li juru l-klieb vicin il-bieb fuq in-naha taghha. Hi ma setghetx titfa l-*camera* fuq il-bieb minhabba *data protection*. Il-bejt huwa maqsum bejnha u bejn Mallia, u hu ghandu bieb fuq il-bejt tieghu, izda jhallih miftuh. Ix-xhud kompliet tghid illi Mallia jrid jghaddi minn fuq il-bejt taghha biex jaccedi ghal fuq il-bejt tieghu, allura kif hi titla' fuq il-bejt taghha, il-klieb ta' l-imputat jaghmlu ghaliha ghax ma jibqawx fuq in-naha ta' Mallia. Il-klieb jaghmlu ghaliha ghax ghamluh territorju taghhom u jhamgulha l-bejt taghha. Il-klieb kienu ghamlu ghaliha xahar qabel, ghax kienu fuq il-bejt taghha. Fit-3 ta' Jannar 2024, il-mara tal-imputat, Analise Mallia semghetha tghajjat, ghax hi tibza' minnhom u Analise telghet ghaz-zewgt iklieb u nizzlithom. Fil-kontro ezami ix-xhud ikkonfermat li r-ritratti kienet nizlithom mis-CCTV *camera*. Ikkonfermat li l-klieb ghamlu ghaliha darbtejn zgur, u hi ma tistax tuza l-bejt meta trid ghax tibza' titla' fuq il-bejt taghha. Ix-xhud kompliet tghid illi hi ma kellmitx lill-imputat jew lill-mara tieghu, ghax ghandhom garanzija mill-Qorti biex ma jitkellmux u hi blokkjatha. Ikkonfermat illi fil-kawza li kien hemm qabel Steve kien gie illiberat. Hi kkonfermat illi t-tifla taghha ghandha kelb, imma dan jinzamm fil-bitha u jitla' u jinzel mill-komun izda qatt ma jitla' fuq il-bejt. Ix-xhud pprezentat USB mmarkat Dok MS1 u seba' ritratti mmarkati Dok MS2, u tlett ritratti ohra mmarkati Dok MS3 u gharfet lill imputat fl-awla.

Illi xehed l-imputat Steve Mallia fejn qal illi hu jitla' fuq il-bejt tieghu u jghaddi mit-tarag komuni u jrid jghaddi minn fuq il-bejt tas-sinjura biex jmur fuq il-bejt tieghu. Ghal bidu ma kellux xatba u xi tlett snin ilu kien ghamel xatba li tissakkar bic-cavetta, minhabba li s-sinjura kienet qalet li l-klieb kienu jmorru fuq il-bejt taghha. Irraportatu wkoll li ghamel ix-xatba. Meta jitla' bil-klieb jkunu fuq in-naha tieghu tal-bejt ghalkemm jridu jghaddu min-naha ta' Sinagra x'hin johorgu mit-tromba tat-tarag. Sinagra kienet ghamlet camera fuq il-bejt wara l-kawza li kellhom, ghax kienet qalet li l-klieb tieghu kienu jhamgulha. Fir-ritratti li gew ezebiti ma jidhirx hmieg imma l-klieb sakemm jghaddu ghal-parti tal-bejt tieghu. Hu cahad li xi darba kellu jintervjeni ghax kienu ghamlu ghal Sinagra, fil-fatt

il-klieb tieghu huma Frenchies, li huma klieb zghar. Mis-7.30am sal-5.00pm il-klieb jinzammu fl-appartament tieghu ghax hu u l-mara tieghu jkunu ghax-xoghol. Hu pprezenta sitt ritratti immarkati Dok SM1 sa Dok SM6 li juru ritratti ta' kelb tal-familjari ta' Sinagra, li spiss jkunu fil-blokka taghhom, ritratti li juru kif irid jghaddi minn fuq il-bejt ta' Sinagra biex jaccessa l-bejt tieghu u l-klieb mal-bieb tal-komun, kif ukoll kopja tal-kuntratt li juri li ghandu dritt t'access ghal fuq il-bejt tieghu. Din kienet ir-raba' kawza tieghu u/jew tal-mara tieghu minhabba l-klieb. Hu kkonferma li meta jkunu fuq il-bejt isakkru x-xatba warajhom. Ir-ritratti tal-hwejjeg fuq il-bejt ta' Sinagra ittiehdu gimgha qabel.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti rat il-filmat illi pprezentat il-*paret civile*, u fl-ebda hin ma jidher illi l-klieb ta' l-imputat thallew jigru fuq il-parti tal-bejt taghha, ghajr ghal ftit sekondi u wisq anqas jidhru illi hammgu fil-parti tal-bejt taghha. Illi l-element tar-ragion fattasi fl-ebda mument ma gie ppruvat u ghalhekk il-Qorti wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, hija konvinta illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-**imputat mhux hati** u qed tilliberah mill-imputazzjoni migjuba kontrih.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**